

- 3) Il-kontribuzzjoni imposta mill-Artikolu 5 tal-Ley 8/2009, de 28 de agosto, de financiación de la Corporación de Radio y Televisión Española (Liġi Nru 8/2009, tat-28 ta' Awwissu 2009, dwar il-finanzjament tal-RTVE) hija trasparenti fis-sens tal-Artikolu 6(1) u tal-Anness tad-Direttiva 2002/20/KE jekk ma hijiex magħrufa l-attività konkreta mwettqa mill-[Corporación de Radio y Televisión Española] bħala servizz universali jew servizz pubbliku?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Nacional (Spanja) fit-13 ta' Frar 2018 –
Orange España S.A.U. vs Tribunal Económico-Administrativo Central (TEAC)**

(Kawża C-120/18)

(2018/C 161/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Nacional, Sala de lo Contencioso-Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Orange España S.A.U.

Konvenut: Tribunal Económico-Administrativo Central (TEAC)

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (¹) jista' jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jimponi fuq l-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet kontribuzzjoni finanzjarja annwali bħal dik prevista fl-Artikolu 5 tal-Ley 8/2009, de 28 de agosto, de financiación de la Corporación de Radio y Televisión Española (Liġi Nru 8/2009, tat-28 ta' Awwissu 2009, dwar il-finanzjament tal-RTVE), sabiex jipparteċipaw fil-finanzjament tal-Corporación de Radio y Televisión Española, fid-dawl tal-effett pożittiv tal-leġiżlazzjoni l-ġdida applikabbli għas-settur televiżiv u awdjoviżiv fuq is-settur tat-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari minħabba l-amplifikazzjoni tas-servizzi ta' broadband fiss u mobbli u t-tneħħija tar-riklami u ta' kontenut bi ħlas jew bil-ħtieġa li jinkiseb aċċess meta jittieħdu inkonsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- l-effett pożittiv, dirett jew indirett, fuq dawn l-impriżi la ġie ġġustifikat mil-leġiżlazzjoni l-ġdida u lanqas ma ntwera fis-sena finazarja kkonċernata,
- din il-kontribuzzjoni ġiet stabbilita għal 0.9 % tad-dħul gross tal-operat iffatturat matul is-sena korrispondenti, u la hija kkalkolata fuq id-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' servizzi awdjoviżivi jew mir-reklamar, la fuq iż-żieda li rriżultat minn dawn tal-aħħar u lanqas fuq il-profitti ġġenerati mill-attività. Barra minn dan, din il-kontribuzzjoni tikkostitwixxi taxa prevista fl-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 8/2009, fil-verżjoni inizjali tagħha, u tista' ma tkunx iġġustifikata fir-rigward tas-servizz awdjoviżiv inkwistjoni, sa fejn din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi l-bażi għaċ-ċaħda ta' waħda mit-talbiet tar-rikorrenti għal irkupru ta' pagament mhux dovut u għal korrezzjoni tal-awtolikwidazzjonijiet permezz tad-deċiżjoni kkontestata fir-rikors amministrattiv odjern?

- 2) Il-kontribuzzjoni imposta fuq l-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet li joperaw fi Spanja u li għandhom kopertura ġeografika li tmur lil hinn minn dik ta' komunità awtonoma hija propozjonata fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/20/KE, fid-dawl tal-metodi tal-kalkolu stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 8/2009, imsemmija iktar 'il fuq?

- 3) Il-kontribuzzjoni imposta mill-Artikolu 5 u 6 tal-Ley 8/2009, de 28 de agosto, de financiación de la Corporación de Radio y Televisión Española (Liġi Nru 8/2009, tat-28 ta' Awwissu 2009, dwar il-finanzjament tal-RTVE) hija trasparenti fis-sens tal-Artikolu 6(1) u tal-Anness tad-Direttiva 2002/20/KE jekk ma hijiex magħrufa l-attività konkreta mwettqa mill-[Corporación de Radio y Televisión Española] bħala servizz universali jew servizz pubbliku?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Nacional (Spanja) fl-14 ta' Frar 2018 –
Vodafone España S.A.U. vs Tribunal Económico-Administrativo Central (TEAC)**

(Kawża C-121/18)

(2018/C 161/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Nacional, Sala de lo Contencioso-Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vodafone España S.A.U.

Konvenut: Tribunal Económico-Administrativo Central (TEAC)

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ⁽¹⁾ jista' jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jimponi fuq l-operaturi tat-telekomunikazzjonijiet kontribuzzjoni finanzjarja annwali bħal dik prevista fl-Artikolu 5 tal-Ley 8/2009, de 28 de agosto, de financiación de la Corporación de Radio y Televisión Española (Liġi Nru 8/2009, tat-28 ta' Awwissu 2009, dwar il-finanzjament tal-RTVE), sabiex jipparteċipaw fil-finanzjament tal-Corporación de Radio y Televisión Española, fid-dawl tal-effett pożittiv tal-leġislazzjoni l-ġdida applikabbli għas-settur televiżiv u awdjoviżiv fuq is-settur tat-telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari minħabba l-amplifikazzjoni tas-servizzi ta' broadband fiss u mobbli u t-tneħħija tar-riklami u ta' kontenut bi ħlas jew bil-ħtieġa li jinkiseb aċċess meta jittieħdu inkonsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li ġejjin:

- l-effett pożittiv, dirett jew indirett, fuq dawn l-impriżi la ġie ġġustifikat mil-leġislazzjoni l-ġdida u lanqas ma ntwera fis-sena finanzjarja kkonċernata mill-imsemmija impriżi,
- din il-kontribuzzjoni ġiet stabbilita għal 0.9 % tad-dħul gross tal-operat iffatturat matul is-sena korrispondenti, u la hija kkalkolata fuq id-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' servizzi awdjoviżivi jew mir-reklamar, la fuq iż-żieda li rriżultat minn dawn tal-aħħar u lanqas fuq il-profitti ġġenerati mill-attività. Barra minn dan, din il-kontribuzzjoni tikkostitwixxi taxa prevista fl-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 8/2009, fil-verżjoni inizjali tagħha, u tista' ma tkunx iġġustifikata fir-rigward tas-servizz awdjoviżiv inkwistjoni, sa fejn din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi l-bażi għaċ-ċaħda tat-talbiet tar-rikorrenti għal irkupru ta' pagament mhux dovut u għal korrezzjoni tal-awtolikwidazzjonijiet permezz tad-deċiżjoni kkontestata fir-rikors amministrattiv odjern?

- 2) Il-kontribuzzjoni imposta fuq l-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet li joperaw fi Spanja u li għandhom kopertura ġeografika li tmur lil hinn minn dik ta' komunità awtonoma hija propozjonata fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2002/20/KE, fid-dawl tal-metodi tal-kalkolu stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Liġi Nru 8/2009, imsemmija iktar 'il fuq?